A.L. 116 ta' l-1990

ATT TA' L-1975 DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA

(ATT NRU. XVI TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 5) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 47 ta' l-1972.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fil-25 ta' Lulju, 1990.

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti principali.

2. Minnufih wara l-partita 5 fir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Telefonati	Drittijiet
"6. Għal telefonati li joriġinaw min-*network* tat-telefon lokali lejn is-sistema mobili ċellulari, jitħallas dritt bir-rata ta' kull minuta	20ċ.".